# DINJITÀ U WENS LILL-ANZJANI

PJAN LABURISTA
BIDU ĠDID

KONFERENZA ĠENERALI ANNWALI 2007

PARTIT LABURISTA

# Werrej


1. INTRODUZZJONI 3

2. VIŻJONI 4

3. OĠĠETTIVI 4

4. PROĊESS TA' KONSULTAZZJONI 4

5. IS-SITWAZZJONI TA' L-ANZJANI F'MALTA 5
5.1. DOMANDA U AĊĊESIBBILTÀ 5
5.2. EVOLUZZJONI TAL-KOMUNITAJIET MALTIN 6
5.3. POŻIZZJONI FINANZJARJA 6
5.4. FRAMMENTAZZJONI TAL-KURA 7
5.5. IL-KOMUNITÀ FIR-RESIDENZA ST. VINCENT DE PAULE 8

6. STRATEĠIJA ĠENERALI 10
6.1. TISĦIĦ TAS-SAPPORT FIL-KOMUNITÀ 10
6.2. KURA PREVENTIVA GĦALL-ANZJANI 11
6.3. KOORDINAZZJONI U *NETWORKING* F'SETTURI DIFFERENTI 11
6.4. KWALITÀ GĦAS-SERVIZZI KOLLHA 11
6.5 ĦAJJA ATTIVA FIL-KOMUNITÀ 12

7. PJAN TA' AZZJONI 12
7.1. INTERVENTI BBAŻATI FIL-KOMUNITÀ 12
7.2. TIM MULTIDIXXIPLINARJU 13
7.3. ĦARSIEN GĦALL-ANZJANI 13
7.4. *COMMUNITY CARERS* 13
7.5. GĦAJNUNA GĦALL-FAMILJI LI JĦALLSU GĦALL-ĠENITURI TAGĦHOM FID-DJAR PRIVATI, TAL-KNISJA U TAL-GVERN 13

8. KURA FIT-TUL 13
8.1. TIM MULTIDIXXIPLINARJU 14
8.2. PARTEĊIPAZZJONI U TISĦIĦ 14
8.3. KOMUNITÀ ATTIVA F'ST. VINCENT DE PAULE 14
8.4. ŻVILUPP TAR-RIŻORS UMAN 15
8.5. TIM GĦAT-TITJIB TAL-KWALITÀ 15

9. ID-DIPARTIMENT DWAR IL-KURA TA' L-ANZJANI 15

11. KONKLUŻJONI 16

# 1. INTRODUZZJONI

L-għomor itwal tal-popli kien identifikat bħala fenomenu importanti li jippreżenta diversi sfidi lill-individwu, lill-familja, lill-komunità, lill-organizzazzjonijiet u lill-gvernijiet. Il-tendenza demografika f'Malta, b'konformità ma` l-istatistika ta' l-Unjoni Ewropea, turi li l-popolazzjoni qed tikber fl-età hekk kif il-popli jgħixu aktar u l-persentaġġ ta' nies bl-età ta' 65 u aktar, qiegħed dejjem jiżdied. Dan it-tibdil demografiku jirrikjedi talbiet ġodda fuq is-sigurtà soċjali, l-ekonomija u s-sistema tas-saħħa.

Il-Partit Laburista jirrikonoxxi li l-anzjani huma kontributuri ewlenin għal ġid komuni tal-pajjiż. L-iżviluppi u benefiċċji li aħna ngawdu llum huwa dovuti għall-ħidma ta' min hu llum anzjan. Il-Partit Laburista jintrabat li jagħti lill-anzjani tagħna l-għajnuna neċessarja biex jgħixu b'dinjità u jgħinuhom iwettqu l-viżjoni tagħhom, tkun xi tkun l-età. Għall-Partit Laburista, il-ħarsien mir-riskju tad-dipendenza, jkun dak soċjali jew ieħor, hu fattur importanti ħafna.

Il-problemi assoċjati ma` għomor itwal huma diskussi f'dan il-pjan. Għalhekk, kien ferm propizju li tiġi evalwata s-sitwazzjoni b'mod olistiku u l-isfidi ġodda analizzati. Dan il-proċess għin lill-Partit Laburista biex iħejji strateġija nazzjonali komprensiva u prattika għall-anzjani, u li tikkoordina s-setturi varji. Din l-istrateġija tassigura aċċessibbiltà, kwalità u vijabbilità finanzjarja għas-servizzi provduti.

# 2. VIŻJONI

Il-Partit Laburista, permezz ta' dan il-pjan, hu kommess li jiggarantixxi, li kull persuna jkollha l-opportunità li tgħix ħajja kompleta b'dinjità, rispett u jkollha s-sostenn u l-appoġġ meħtieġ meta tikber fl-età.

# 3. OĠĠETTIVI

Il-Partit Laburista jintrabat li jwettaq dawn l-obbjettivi.

– DINJITÀ, RISPETT U PARTEĊIPAZZJONI
  Kull persuna għandha d-dritt tgħix ħajja attiva u indipendenti, tipparteċipa f'kull deċiżjoni li tolqot direttament lilha.

– ANZJANI AKTAR B'SAĦĦITHOM
  Strateġija li tippromwovi s-saħħa u tħares lill-anzjani mir-riskju tad-dipendenza.

– SOLIDARJETÀ
  Jiġu provduti servizzi fil-komunità li jinkoraġġixxu lill-anzjani biex ikomplu jgħixu fil-komunità li dejjem għexu fiha.

– PROTEZZJONI SOĊJALI U SISTEMI TAS-SAĦĦA EFFIĊJENTI
  Jinħolqu sistemi ta' servizzi ta' kwalità skond il-bżonnijiet ta' l-anzjani u l-familji tagħhom, u li jkunu aċċessibli faċilment.

– NEFQA SOĊJALI PREVENTIVA
  Sistemi pro-attivi u preventivi fuq livell ta' komunità u saħħa biex tkun minimizzata u kkontrollata d-dipendenza fuq servizzi u faċilitajiet *high tech*.

Dawn l-obbjettivi jintlaħqu bi strateġija olistika multisettorali.

# 4. PROĊESS TA' KONSULTAZZJONI

Fil-proċess ta' preparazzjoni għal strateġija vijabbli u prattika għall-anzjani f'Malta, il-Partit Laburista

involva l-entitajiet kollha kkonċernati, bl-iskop li jiġu dentifikati l-isfidi f'dawk l-oqsma li jikkonċernaw l-anzjani. Rapporti minn esperti, diskussjonijiet ma` diversi għaqdiet u taħdidiet ma` persuni f'kull qasam tal-ħajja, ipprovdew informazzjoni utili biex tingħata stampa ċara tas-sitwazzjoni preżenti u jkunu indirizzati tassew il-bżonnijiet ta` l-anzjani.  Il-pubbliku, is-settur privat u diversi għaqdiet volonontarji kkontribwew bil-kbir fid-diskussjonijiet dwar dan l-abbozz ta' pjan:

# 5. IS-SITWAZZJONI TA' L-ANZJANI F'MALTA

Permezz tal-proċess ta' konsultazzjoni ġew identifikati diversi sfidi.

## 5.1 DOMANDA U AĊĊESIBBILTÀ

It-tibdil fid-demografija qiegħed joħloq tibdil fis-soċjetà Maltija. Kemm l-awtoritajiet lokali u dawk ta' l-Unjoni Ewropea, irrapurtaw l-impatt demografiku ta' l-anzjanità fuq is-sistemi ta' protezzjoni soċjali, is-saħħa u n-nefqa nazzjonali. L-anzjanità u l-għomor itwal għandhom implikazzjonijiet sinifikanti fuq dan is-settur.

Għalkemm l-anzjanità mhix marda u ma toħloq l-ebda mard, ċertu mard hu aktar komuni ma` din is-sezzjoni tal-popolazzjoni. L-għomor twil hu assoċjat mal-problema tad-dipendenza u mard kroniku u jeħtieġ domanda akbar fuq is-setturi kollha, speċjalment dawk soċjali u mediċi.

L-avvanzi fit-teknoloġija u t-trattamenti ġodda jgħinuna nieħdu aktar ħsieb lill-anzjani tagħna b'aktar effiċjenza, u li b'effettività akbar.

Li wieħed ikun f'saħħtu u li jgħix f'iktar kumdità, jimplika għixien aħjar, *housing* adekwat u servizzi soċjali effiċjenti. Il-konsumatur jistenna servizzi ta' kwalità u effiċjenti. Iż-żieda fid-domanda għal dawn is-servizzi tikkontribwixxi għal nefqa akbar relatata mal-kura ta' l-anzjani fuq il-livelli nazzjonali, lokali u personali.

Kemm is-settur pubbliku u kif ukoll dak privat, jipprovdu servizzi relatati mal-kura ta' l-anzjani. Is-settur pubbliku hu ristrett minħabba limitazzjonijiet ta' spazju u riżorsi, filwaqt li dak privat joħloq problema ta' finanzjament għall-klassijiet tan-nofs u anqas. Sal-lum, jeżistu listi twal għall-interventi mediċi essenzjali, l-aktar, bdil ta' l-irkoppa u kattaretti. In-nuqqas ta' aċċessibbiltà għal dawn l-interventi joħolqu piżijiet lill-anzjani, iżid d-dipendenza u severament inaqsu l-kwalità ta' ħajja ta` l-anzjani. L-affordabbiltà għandha tieħu prijorità, iżda l-aċċessibbiltà hija l-akbar sfida għall-anzjani f'Malta u Għawdex.

## 5.2 EVOLUZZJONI TAL-KOMUNITAJIET MALTIN

L-industrijalizzazzjoni u d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea biddlu sinifikament kif jgħixu l-Maltin. L-istruttura tal-familja Maltija u l-kultura komunitarja nbidlu. Ommijiet jaħdmu, familji ta' daqs iżgħar u komunitajiet riservati, għamluha aktar diffiċli għall-anzjani tagħna biex jibqgħu d-dar. Fl-istess waqt, l-istil tradizzjonali ta' l-irħula tagħna nbidel. Illum aktar anzjani jgħixu f'appartamenti u fit-truf ta' l-irħula. Dawn il-fatturi qegħdin iwasslu lill-anzjani għal aktar iżolament u r-riskju tad-dipendenza qed dejjem jikber.

L-istess problemi ta' l-anzjani huma riflessi fis-soċjetà tagħna. Bħal kull settur ieħor fis-soċjetà tagħna, in-numru ta' problemi soċjali qed dejjem jikber: id-dipendenza fuq id-droga, familji mkissra, romol u familji bi bżonnijiet speċjali. Flimkien mad-diffikultajiet li ġġib magħha l-anzjanità, uħud mill-anzjani jistgħu wkoll jiffaċċjaw dawn il-problemi. Forsi l-aktar fenonemu stressanti għal dan is-settur tal-popolazzjoni hija l-kriminalità. Iż-żieda fil-kriminalità qed iġġiegħel lill-anzjani jfittxu ambjent aktar protett u dan joħloq domanda eċċessiva, li ma tkunx marbuta ma` xi kundizzjoni fiżika.

Neċessitajiet żgħar qed jiġu falsifikament interpretati bħala domandi kbar. Ħafna anzjani fil-komunitajiet tagħna għandhom bżonn appoġġ minimu fil-bżonnijiet tagħhom ta' kuljum, bħal amministrazzjoni tal-mediċini, qadi ta' kuljum, manutenzjonijiet żgħar fid-dar u sorveljanza okkażjonali fid-dar tagħhom. Madankollu dawn is-servizzi ma jeżistux u l-għajnuna fid-djar hi limitata biss għal każi ta' dipendenza akuta u din l-għajnuna hi ristretta għall-iġene fid-dar. Hemm bżonn ta' postijiet għall-kenn ta' l-anzjani matul il-lejl għal aktar sigurtà ta' l-istess anzjani li jgħixu waħedhom u fl-istess waqt ikunu kapaċi jgħixu ħajja normali matul il-ġurnata. In-nuqqas ta' dawn is-servizzi fil-komunità qed twassal lill-anzjani jieħdu miżuri drastiċi u jitilqu darhom u jmorru jgħixu fl-istuzzjonijiet.

## 5.3 POŻIZZJONI FINANZJARJA

Implikazzjonijiet finanzjarji varji jinfluwenzaw negattivament it-tqassim ġust fuq is-sistema tagħna. Il-pożizzjoni finanzjarja ta' l-anzjani qed dejjem tiġi pperikolata biż-żieda ta' l-għoli tal-ħajja u bil-livell ta' dipendenza tal-persuna. Id-dħul ta' l-anzjani huwa ġeneralment statiku u limitat. Il-benefiċċji soċjali preżenti u s-sistema tal-pensjoni huma karatterizzati b'diversi anomaliji. Il-pensjonanti ma jikkwalifikawx bis-sħiħ għaż-żieda ta' l-għoli tal-ħajja mogħti fil-*budget*. Numru konsiderevoli ta' anzjani ddedikaw ħajjithom biex jieħdu ħsieb il-familji tagħhom. Dawn igawdu minn pensjoni minima u għalhekk id-dħul tagħhom jpoġġihom fil-faxxa tal-faqar fis-soċjetà tagħna. Uħud mill-anzjani ma jikkwalifikawx għall-assistenza medika sempliċiment għax il-pensjoni taqbeż b'ammonti żgħar il-*means threshold*. Skont l-Att tas-Sigurtà Soċjali, meta persuna jirċievi pensjoni u jsiefer, il-pensjoni tiegħu tieqaf peress li din mhix kontributorja. Għal din is-sitwazzjoni jrid jinstab rimedju, speċjalment meta numru sostanzjali tal-popolazzjoni qed tfittex xogħol f'pajjiżi Ewropej u hu possibli li l-ġenituri jmorru sabiex ikunu ta' sapport għal dawn il-familji żgħar.

Matul dawn l-aħħar snin, kien hemm żieda fl-ispiża tal-mediċini, filwaqt li l-ispiżeriji tal-Gvern spiss ikunu b'nuqqas ta' provista ta' diversi mediċini. Is-servizzi u faċilitajiet ipprovduti mis-settur privat, jeżerċità piż finanzjarju qawwi fuq l-anzjani anke meta dan ikun issussidjat mill-Gvern ċentrali. Il-maġġoranza ta' l-anzjani f'pajjiżna ma jifilħux għal ħlas ta' interventi mediċi u kirurġiċi.

## 5.4 FRAMMENTAZZJONI TAL-KURA

Malta għandha Segretarjat għall-Kura ta' l-Anzjani fid-Dipartiment għas-Saħħa. Għalhekk wieħed jista' jifhem għaliex il-Gvern jipprovdi istituzzjonijiet ta' ċerta kwalità, imma ma jipprovdiex għal bżonnijiet ta' l-anzjani fil-komunità. It-tluq ta' l-anzjani minn ġo darhom, il-familji tagħhom u l-komunità, għal ġo istituzzjonijiet moderni għadu trawmatiku u mhux mixtieq, speċjalment għall-istess anzjani.

Is-servizzi pprovduti fuq livell ta' komunità huma limitati u jinkludi għajnuna fid-dar, *meals-on-wheels* u *telecare*. Id-domanda hi aktar mis-servizzi pprovduti u b'hekk akkumulaw *waiting lists* twal. Sorveljanza u rikreazzjoni huma limitati għal matul il-ġimgħa u waqt il-ħin ta' l-uffiċċju. Il-Kunsilli Lokali jikkontribwixxu bl-organizzazzjoni ta' *day centres* u attivitajiet rikreattivi. Bżonnijiet oħra bħal *night shelters* u servizz ta' *handyman* ġew kompletament injorati.

*Public private partnerships* ġew stabbiliti biex jamministraw residenzi għall-anzjani. Is-settur privat irraporta nuqqas ta' ħaddiema speċjalizzati fil-qasam ta' l-anzjani. Sadanittant, jeżistu diskrepanzi sostanzjali fil-faċilitajiet eżistenti. Għalhekk il-kwalità tal-kura trid tiġi stabilita u mistħarrġa kontinwament. Residenzi ffinanzjati mill-fondi pubbliċi wkoll jiffaċjaw diffikultajiet simili. Matul iż-żmien, il-maġġoranza tan-nies f'dawn ir-residenzi spiċċaw aktar dipendenti, però, dawk il-faċilitajiet m`humiex mgħammra b'apparat u nies daqs l-istituzjonijiet il-kbar, jiġifieri, St. Vincent De Paule u Mtarfa. L-anzjani f'dawn id-djar għandhom bżonn ta' aktar attenzjoni medika, imma fl-istess waqt m`humiex ikunu ffrekwentati minn professjonisti adattati u m'għandhomx il-faċilitajiet adekwati għall-bżonnijiet li jinqalaw f'dawn id-djar. Ħafna drabi r-residenti f'dawn id-djar jintbagħtu l-isptar anki għall-affarijiet żgħar u li faċilment setgħu jiġu ttratati fid-djar ta' l-anzjani.

Numru ta' djar fil-komunità Maltija huma mmexxija minn gruppi lajċi. Rappreżentanti u kelliema għall-gruppi lajċi, pubblikament iddikkjaraw li saret diffiċli jżommu dawn id-djar. Il-Partit Laburista jagħraf il-kontribut importanti ta' dawn il-gruppi u jagħraf ukoll ir-riperkussjoni serja jekk jagħlqu dawn id-djar. Dawn id-djar għandhom bżonn għajnuna, kemm finanzjarja kif ukoll mezzi oħra t'għajnuna. Il-Partit Laburista jipprovdi għajnuna lil dawn ir-residenzi sabiex ikomplu s-servizz tant meħtieġ għall-familji Maltin.

Fis-servizzi pprovduti fil-kura primarja hemm nuqqas ta' kura fil-komunità li tant hi kruċjali

għall-anzjani. Numru ta' servizzi essenzjali għall-kura ta' l-anzjani fid-djar ġew injorati. Diversi servizzi mediċi jistgħu jingħataw b'suċċess id-dar. In-nuqqas ta' servizzi relatati ma` każi akuti u rijabilitazzjoni qiegħed iwassal biex il-pazjenti jintbagħtu l-isptarijiet u ċ-ċentri tas-saħħa. L-isptar Żammit Clapp mhux qiegħed iwassal is-servizz li għalih kien inħoloq. Il-kriterji għad-dħul iqanqlu dubju u jidhru li huma restritti għal ftit nies. Dħul dirett mill-komunità huwa prattikament impossibbli. Dan l-isptar ma jipprovdix kura għall-problemi akuti bħal *febrile illness*, infezzjonijiet tas-sider, ażma u *gastroenteritis* għall-pazjenti li m'għandhomx qraba jew familja biex jikkurawhom. Il-kura preventiva hi kompletament nieqsa. Prevenzjoni għal kontra l-mard, trawma u dipendenza jintlaħaq b'għajnuna professjonali proattiva, li hi kompletament nieqsa fuq il-livell ta' komunità.

L-isptar ġenerali San Luqa huwa mgħobbi b'persentaġġ qawwi ta' każi soċjali, speċjalment fix-xhur tax-xitwa. Pazjenti qegħdin idumu aktar l-isptar sempliċiment għax m'għandhom lil ħadd id-dar waqt il-konvalexxenza. It-transferiment ta' dawn il-każi soċjali mill-isptar San Luqa għas-sala speċjali fl-isptar Monti Carmeli, hu sempliċiment trasferiment minn lokal għall-ieħor. Il-bżonn ta' *community carers* hi evidenti biex tipprovdi sorveljanza adekwata u tingħata assistenza xierqa lill-pazjenti liċenzjati mill-isptar. Din tgħin lill-anzjani jerġgħu jinġabru f'darhom u tipprovdi l-assistenza neċessarja waqt il-konvalixxenza.

Il-Partit Laburista ser jiżviluppa il-Kartanzjan u jagħmilha iżjed importanti għall-anzjani. Fis-snin riċenti, il-Kartanzjan ġiet ridotta għal forma oħra biss ta' identifikazzjoni għal dawn ic-cittadini. Il-Partit Laburista hu kommess li jiżviluppa inizjattivi varji b'relazzjoni ma` din il-Kartanzjan. Negozjati ma` kemm entitajiet pubbliċi u privati li huma involuti fil-proviżjoni ta' kura għall-komunità, saħħa, kultura, attività fiżika u servizzi ta' divertiment ikunu jistgħu jippermettu lill-anzjani biex jużaw dawn is-servizzi b'xejn fejn hu possibbli jew bi prezzijiet imnaqqsa.

## 5.5 IL-KOMUNITÀ FIR-RESIDENZA ST. VINCENT DE PAULE

Matul iż-żmien, ir-residenza St. Vincent De Paule żviluppat f'komunità magħmula minn, residenti, il-familji tagħhom u l-impjegati. Il-bżonnijiet ta' dawk konċernati trid tiġi kkunsidrata olistikament, peress li l-livell ta' kura milħuqa tiddependi fuq dawn it-tlett sisien. Il-kura fit-tul għall-anzjani hi waħda komplessa u l-fatturi tal-kura huma dipendenti waħda fuq l-oħra, anki f'post protett u ta' sostenn bħal St. Vincent De Paule. Is-saħħa u l-kuntentezza ta' l-anzjani f'din l-istituzzjoni għadu jiddependi fuq fatturi soċjali, emozzjonali u psikoloġiċi, kif ukoll aspetti purament ta' saħħa fiżika u mentali. Hi sfortuna li numru ta' residenti huma osservaturi passivi, ma jipparteċipawx, anke f'attivitajiet soċjali u verament tista' tiddiskrivijhom bħala pazjenti istituzzjonalizzati..

Bħalissa St. Vincent De Paule jakkomoda aktar minn 1,000 sodda, u għalhekk tagħmlu l-akbar istituzzjoni ta' kura għall-anzjani f'Malta. Żewġ terzi tal-popolazzjoni tiegħu huma residenti nisa.

Persentaġġ għoli tar-residenti jbatu minn kundizzjonijiet kroniċi kemm fiżiċi, mediċi jew psikoloġiċi. Għalkemm l-istituzzjoni toffri pakkett ta' servizzi, timpjega numru sostanzjali ta' professjonisti mħarġa u kontinwament jiġi estiż u mġedded, għad hemm ħafna nuqqasijiet. Identifikajna l-problemi relatati ma` l-organizzazzjoni, kif ukoll stħarriġna l-problemi fit-twettiq u aċċessibbiltà ta' dawn is-servizzi.

Primarjament, il-kriterji tad-dħul huma diskutibbli u dubjużi. Il-bord tad-dħul f'din l-istituzzjoni għadu kif ġie kkritikat mill-Ombudsman talli ddaħħlu residenti li applikaw ġimgħa qabel u l-istess bord injora kompletament applikanti li kienu applikaw 6-8 snin qabel. Hemm 800 applikazzjoni pendenti u huwa evidenti li ħafna mir-residenti fi f'St. Vincent de Paule u djar simili, jistgħu faċilment jgħixu d-dar bi ftit għajnuna b'servizzi provduti fil-komunità. L-uniku mezz ġust hu li jkun hemm kriterji ċari u trasparenti fl-għażla tad-dħul u dawk bi bżonn veru għandhom jingħataw prijorità.

Attwalment f'St. Vincent de Paule hemm ħames konsultenti u numru sostanzjali ta' tobba li jikkoordinaw xogħolhom ma` l-isptar Zammit Clapp, u issa wkoll mas-sala l-ġdida fl-isptar Monte Carmeli. L-infermiera f'St. Vincent de Paule huma dedikati u konxji mill-bżonnijiet tar-residenti. Madankollu, ftit biss mill-infermieri għandhom taħriġ fil-kura ġerjatrika. Fix-xogħol tal-kura bażika, l-impjegati jridu jaħdmu mill-qrib ma` l-anzjani u kif ukoll jaċċettaw mewt ta' residenti, li magħhom l-infermieri jkunu bnew relazzjoni qawwija.

Huwa evidenti li l-amministrazzjoni preżenti adottat il-prattika li tiddelega r-responsabbilitajiet minn dawk aktar mħarrġin, għal dawk inqas imħarrġa. It-taħriġ tal-*carers* li bħalissa qed jiġi minn żewġ kumpanniji differenti hu domandabbli u għandu jiġi taħt skrutinju fid-dawl tar-responsabilitajiet li dawn l-impjegati għandhom ma` l-anzjani. Id-Dipartiment tas-Saħħa u l-amministrazzjoni preżenti fi St. Vincent de Paule għandhom id-dover li jipprovdu l-aħjar kura, servizz u trattament lil kull anzjan/a f'St. Vincent de Paule.

Hemm evidenza li l-ispiżerija fi St. Vincent de Paule għandha nuqqas ta` mediċini indispensabbli u oġġetti farmakoloġiċi bħal faxex varji, *catheters* ta' qies varji, siringi, *hydrocolloid dressings*, pilloli varji bħal vitamini u oġġetti mportanti oħra. Dawn huma oġġetti li huma tant essenzjali għall-anzjani batuti. Għalkemm dawn l-ilmenti importanti ġew mressqa quddiem is-Suprantendent Mediku mit-tobba u l-infermieri, huwa evidenti li mhux qiegħed jsir sforz mill-awtoritajiet biex titranġa s-sitwazzjoni. Ħafna minn dawn l-oġġetti ssibhom fis-swali ta' l-isptar San Luqa.

Is-servizz ta' *customer care* għandu bżonn ta' rinnovazzjoni sħiħa. Bħalissa dan l-uffiċċju importanti jiftaħ biss darbtejn f'ġimgħa biex jirċievi l-ilmenti tar-residenti li għadhom mobbli u tal-familji tar-residenti. Mhux qiegħed isir sforz mill-impjegati ta' dan l-uffiċċju biex iżuru lil dawk

il-pazjenti b'inqas mobbiltà ġewwa s-swali, u dan is-servizz mhux aċċessibli għall-impjegati.

L-iżolazzjoni hi waħda mill-akbar problemi f'St. Vincent de Paule. Ħafna mir-residenti m'għandhomx familja jew rari jżuruhom xi ħbieb. Din taffettwa negattivament is-saħħa u l-moral ta' l-anzjani. Ironikament, filwaqt li dawn il-persuni jgħixu f'komunità, iħossuhom inutli u ta' sikwit ibatu b'dipressjoni, primarjament ikkawżata minn solitudni u nuqqas ta' attività.
Matul is-snin, attivitajiet rikreattivi, l-aktar dawk organizzati għal divertiment, huma estremament rari. Barra minn hekk, il-grupp volontarju *Friends of St. Vincent De Paule Residence* qed jiġi injorat kompletament. Fil-passat, dawn il-voluntiera kienu strumentali biex jipprovdu appoġġ, komfort u wens lill-anzjani. Dan il-grupp kien ferm attiv billi jorganizza funzjonijiet għal ġbir ta' fondi u jagħmel xogħol ta` domiċilju fis-swali. Ħafna drabi l-grupp ilmenta li qiegħed jiġi eskluż mill-amministrazzjoni preżenti.

Fl-aħħar snin inbnew numru ta' estensjonijiet bħall-blokk Padre Pio. Ħafna mix-xogħol involut, bħal twieqi ta' l-aluminju, lifts u arja kundizzjonata, kienu difettużi mill-bidu u l-ħsarat huma spissi. Il-kwalità tas-servizz pprovdut mill-kumpanniji mqabbda huwa oġġezzjonabli u l-ħsarat ma jingħatawx attenzjoni immedjata.

Servizzi ta' lukandi, speċjalment dawk li jikkonċernaw l-ikel, qiegħed dejjem sejjer lura għal-livell mhux aċċettabli. L-għażla li ripetutament qed tiġi ppreżentata fil-menu dejjem qed tonqos. Mhux biss l-għażla ta' l-ikel hi monotona imma l-preparazzjoni ta' l-ikel huwa ferm `l bogħod minn dak pjaċevoli u ta' kwalità. Is-servizz tat-trasport huwa ineffiċjenti b'ħafna mir-residenti jaslu tard għall-appuntamenti f'dipartimenti oħra.

Huwa ovvju li l-amministrazzjoni attwali mhux biss hi nieqsa mill-viżjoni u direzzjoni fil-qasam tal-kura ta' l-anzjani, imma nieqsa ukoll fl-empatija u l-komprensjoni għall-istess klijenti tagħhom.

# 6. STRATEĠIJA ĠENERALI

Il-Partit Laburista ser jilħaq l-għanijiet u l-oġġettivi tiegħu fis-settur tal-ħarsien ta' l-anzjani bi strateġija ddettaljata u sħiħa. L-elementi fundamentali ta' din l-istrateġija jinkludu:

– It-tisħiħ tas-sapport fil-komunita'
– Il-kura preventiva għall-anzjani
– Il-koordinazzjoni u *networking* f'setturi differenti
– Il-kwalità tajba tas-servizzi mogħtija

## 6.1 IT-TISĦIĦ TAS-SAPPORT FIL-KOMUNITÀ

Is-servizzi għall-komunità qed isiru l-iżjed mezz aċċettat u preferut ta' għajnuna u sapport soċjali. Dan il-qasam fil-kura għall-anzjani jindirizza firxa wiesgħa ta' bżonnijiet attwali u kumplessi li persuna jkollha fil-kuntest soċjali immedjat u intimu tagħha. Għalkemm l-istruttura u l-kultura tal-familji Maltin inbidlu, ir-rabtiet familjari u l-valuri tal-komunità għadhom b'saħħithom. Hija is-sistema soċjali u dik tas-saħħa li fallew milli jiżviluppaw flimkien mal-familji u l-komunitajiet tagħna. Pakkett ta' servizzi għandu jkun organizzat u mwassal għal-livell tal-komunità, biex iservi għal dawk il-bżonnijiet varji li waqt proċess ta' konsultazzjoni ġew identifikati li mhux qed jintlaħqu. Dawn huma msemmija fil-pjan ta' azzjoni ta' din l-istrateġija.

## 6.2 IL-KURA PREVENTIVA GĦALL-ANZJANI

S'issa s-servizzi u l-interventi disponibbli, kemm fil-qasam soċjali u dak tas-saħħa, ġew ippjanati b'mod reattiv iżjed milli jimmiraw għal prevenzjoni ta' dipendenza. L-istrutturi ser jadottaw sistema proattiva u jinvolvu moniteraġġ u assessjar regolari. Dan ser jassigura interventi immedjati mis-servizzi li jkunu saru disponibbli fil-komunità. Il-prevenzjoni mhix ser tkun ibbażata biss fuq is-servizzi offruti. Ser ikunu introdotti programmi biex jinkoraġġixxu u jsaħħu l-iżvilupp personali ta' l-anzjani. Dawn il-programmi ser jgħinu lill-anzjani biex jakkwistaw ħiliet ġodda li jiġu bżonn matul il-ħajja ta' kuljum, kif ukoll biex jegħlbu limitazzjonijet fiżiċi jew oħrajn.

## 6.3 IL-KOORDINAZZJONI U *NETWORKING* F'SETTURI DIFFERENTI

Il-persuna anzjana għandha tkun meqjusa u trattata bħala persuna sħiħa. Għalkemm Malta toffri varjeta' ta' servizzi soċjali, tas-saħħa u ta' volontarjat, il-koordinazzjoni bejn dawn l-aġenziji differenti hi essenzjali biex jintlaħaq dan l-għan. Kollaborazzjoni intersettorjali u intrasettorjali fl-ippjanar, implimentazzjoni u moniteraġġ tas-servizzi jwasslu għal provvista ta' kura olistika. L-istat b'saħħtu ta' solidarjetà soċjali li kienu ħolqu gvernijiet Laburisti tal-passat assigura l-preżenza ta' entitajiet importanti fil-komunitajiet tagħna. Dawn l-entitajiet jinkludu ċ-ċentri tas-saħħa, l-ispettorat tas-saħħa pubblika u l-uffiċċji tas-servizzi soċjali. Sadanittant, matul dawn l-aħħar snin, is-settur privat żviluppa u estenda ruħu sabiex jipprovdi ħafna servizzi għall-anzjani. Is-settur tradizzjonali ta' volontarjat, speċjalment dak sekulari, jidher li żied is-sapport tiegħu lejn il-komunitajiet tagħna. Il-Partit Laburista ser jinkoraġġixxi kull forma ta` alleanza, kollaborazzjoni u sħubija bejn l-entitajiet differenti. Dawn l-entitajiet diversi ser ikunu rappreżentati fi strutturi multi-settorali organizzati, kemm fil-livell ta' l-għoti ta' servizzi fil-komunitajiet, kif ukoll fil-livelli differenti ta' amministrazzjoni. Din l-istrateġija ser tikkoordina x-xogħol tagħhom peress li l-ippjanar konġunt ser jalloka aħjar ir-riżorsi, jistabbilixxi riżorsi ġodda u jintroduċi servizzi addizjonali għal kura għall-anzjani komprensiva.

## 6.4 IL-KWALITÀ TAJBA TAS-SERVIZZI MOGĦTIJA

It-titjib fil-kwalità ser ikun fil-qafas ta' l-istruttura ta' kull organizzazjoni. Il-kura għandha tilħaq lill-konsumaturi kif giet ippjanata fl-istrateġiji. Biex niżguraw servizzi ta' kwalità trid issir evalwazzjoni tas-servizzi eżistenti. L-informazzjoni ġġenerata hi essenzjali għall-bidla bbażata

fuq l-evidenza, biex din twassal għal titjib fil-kwalità ta' l-immaniġġjar, fil-kwalità professjonali u s-sodisfazzjon tal-pazjenti. Il-kwalità timplika proċess kontinwu b'moniteraġġ u rijevalwazzjoni regolari. L-organizzazjonijiet involuti fil-kura għall-anzjani ser ikollhom l-obbligu li jissottomettu r-rapporti tagħhom lir-regolatur għall-assessjar annwali tax-xogħol li jkun sar.

Il-kwalità tal-proċessi ta' l-organizzazjonijiet involuti fil-kura ta' l-anzjani jridu jirriflettu dawn il-prinċipji:

- Attenzjoni għall-immaniġġjar u t-twettiq
- Saħħa lill-entitajiet biex janalizzaw u jtejbu l-proċessi
- Il-preferenzi tal-konsumaturi huma l-kejl primarju tal-kwalità
- It-terminoloġija "konsumatur" tinkludi "l-anzjani u l-familji tagħhom"
- Attitudni multi-dixxiplinarja li tmur lil hinn mil-linji konvenzjonali dipartimentali u professjonali
- Motivazzjoni għal attitudni razzjonali u kooperattiva biex jigu pproċessati l-analiżi u l-bidla fuq l-informazzjoni migbura.

### 6.5 ĦAJJA ATTIVA FIL-KOMUNITÀ

Ir-rwol tal-kunsilli lokali ser jiġi estiż biex ma joqgħodux biss fuq l-organizzazzjoni ta' attivitajiet rikreattivi għal anzjani. Issir ħidma biex il-kunsilli lokali jkunu responsabbli biex jikkordinaw u jorganizzaw l-varji gruppi mhux governattivi, bejn l-anzjani u l-komunità. Dawn il-gruppi jistgħu jiġu stabbiliti għal skopjiet filantropiċi jew biex jipprovdu servizzi ta' ħarsien għal membri oħra ta' l-istess komunità. Din il-parteċipazzjoni ta' l-anzjani ser tipprovdi lill-komunità b'varjetà ta' servizzi addizzjonali. Il-kunsilli għandhom jinkuraġġaxxu wkoll nies professjonali li jkunu irtiraw mix-xogħol biex jipparteċipaw u joffru s-servizzi tagħhom fil-gruppi multidixxiplinarji proposti hawn fuq.

## 7. PJAN TA' AZZJONI

Sett ta' interventi ġew ippjanati bħala reazzjoni għall-bżonnijiet kemm preżenti kif ukoll futuri ta' l-anzjani. Dawn l-interventi jaqblu ma` l-istrateġija spjegata hawn fuq. Il-perspettiva tal-komunità tingħata l-attenzjoni li jixirqilha, filwaqt li qed nipproponu kura istituzzjonali fit-tul.

### 7.1. INTERVENTI BBAŻATI FIL-KOMUNITÀ

Inħeġġu lill-kunsilli lokali jistabilixxu reġistru għall-anzjani fil-komunitajiet Maltin u Għawdex. L-informazzjoni miġbura permezz tar-riċerka tintuża biex jingħataw servizzi aħjar u effiċjenti lill-anzjani fl-ibliet u l-irħula tagħna.

### 7.2. TIM MULTIDIXXIPLINARJU

Intejbu s-servizzi ta' *caring* mogħtija fil-komunitajiet tagħna u naħdmu biex nippromwovu timijiet multidixxiplinarji reġjonali bil-parteċipazzjoni ta' professjonisti minn oqsma varji. B'hekk inkunu qed niżguraw kura għall-anzjani li tkun ta' kwalità għolja u ta' livell xieraq.

### 7.3. ĦARSIEN GĦALL-ANZJANI

– Ċentri ta' matul l-jum: Il-ministeri tal-gvern ċentrali kkonċernati jaħdmu biex flimkien ma` l-għaqdiet soċjali u dawk volantarji jitkattru ċ-ċentri soċjali lokali u d-*day care centres*. Tissaħħaħ ukoll it-tmexxija tagħhom.
– Ċentri ta' matul il-lejl: Nikkunsidraw il-possibbiltà li flimkien bi sħubija bejn il-gvern ċentrali, kunsilli lokali u l-privat jinħolqu ċentri ta` matul il-lejl.
– *Fostering*: Nippromwovu kultura ta' *fostering*, fejn membri tal-komunità jkunu mħajjra jipprovdu post għal matul il-lejl għall-anzjani li għandhom dan il-bżonn. Skemi oħra jkunu miftuħa għal dawk in-nies li jistgħu jipprovdu akkomodazzjoni għall-anzjani li jridu jqattgħu inqas ħin ġewwa u iżjed ħin fil-komunità, minflok jinagħqdu ma' residenza għal erbgħa u għoxrin siegħa.

### 7.4. *COMMUNITY CARERS*

Ir-rwol tal-*community carers* diġà jeżisti. Insaħħu u nġeddu ir-rwol tal-*community carers* biex is-servizz li jingħata jkun iktar effettiv u effiċjenti. Il-*community carers* jingħataw rwol li jmur lil hinn minn dak li llum jissejjaħ *home help*. Naħdmu biex jingħataw firxa itkar wiesgħa ta' servizzi lill-anzjani fl-ibliet u l-irħula tagħna.

### 7.5 GĦAJNUNA GĦALL-FAMILJI LI JĦALLSU GĦALL-ĠENITURI TAGĦHOM FID-DJAR PRIVATI, TAL-KNISJA U TAL-GVERN

Gvern Laburista ġdid jagħmel studju biex jara kif tista' tiddaħħal sistema ta' *rebate* fuq it-taxxa għal dawk l-ulied li jħallsu biex il-ġenituri tagħhom imorru fi djar privati jew tal-knisja. L-idea tkun dik li ssir sistema simili għas-sistema ta' *rebate* li llum titgawda minn ġenituri li jibagħtu lil uliedhom fi skejjel privati. Tiġi riveduta is-sistema li biha anzjani fid-djar jew residenzi tal-Gvern, jiġu intaxxati fuq id-dħul tagħhom.

## 8. KURA FIT-TUL

L-għan prinċipali ta' l-istituzzjoniet jew residenzi *long-stay* hu li jipprovdu kura medika lill-persuni dipendenti, li ħafna minnhom għandhom kundizzjonijiet kroniċi. L-anzjani għandhom jiġu ammessi f'dawn l-istituzzjonijiet wara evalwazzjoni rigoruża, u wara li l-perjodu twil ta' rijabilitazzjoni jfalli. Dawn ir-residenzi għandhom itejbu il-kwalità tal-ħajja ta` l-anzjani tagħna. Residenzi *long-stay* għandu jkollhom impjegati li huma professjonali fis-settur tas-saħħa, b'esperjenza diretta fis-settur

ta' l-anzjani. Għaldaqstant, l-istrateġija għal kura fit-tul fir-residenza St. Vincent De Paule ser tiffoka fuq it-tisħiħ tal-individwu, l- attenzjoni u l-assistenza personali, it-tisħiħ ta` l-indipendenza ta' kull persuna, sapport għal *carers* u t-titjib fil-kwalità tal-kura.

### 8.1. TIM MULTIDIXXIPLINARJU

Il-metodu ideali kif jaħdem it-tim multidixxiplinarju jkun li jagħti kura fiżika, psikoloġika, spiritwali u soċjali lir-residenti. Dan il-metodu għandu l-potenzjal li jerġa' jpoġġi lil kull klijent fl-aqwa abiltà tiegħu biex jipparteċipa fl-attivitajiet u rijabilitazzjoni. Jinħass il-bżonn li psikologu jkun parti integrali mit-tim.

### 8.2. PARTEĊIPAZZJONI U TISĦIĦ

Niżguraw li din ir-residenza kbira tadotta metodi li jpoġġu lill-klijent fiċ-ċentru tal-ħidma tagħha. Dan jista' jsir jekk tiżdied ir-rappreżentanza tar-residenti fil-livelli fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet u f'attivitajiet li jikkonċernaw lill-istess residenti. Ix-xewqat u l-ħsibijiet ta' l-anzjani jingħataw prijorità bil-għan li jingħataw servizzi aħjar fl-oqsma ta' l-ospitalità, kċina u rikreazzjoni.

### 8.3. KOMUNITÀ ATTIVA F'ST. VINCENT DE PAULE

Għalkemm ċertu partijiet fir-residenza St. Vincent De Paule ġew ikkonvertiti għal swali ta' l-ogħla livelli, ħafna oħrajn ġew mitluqa u minsija. Iżjed minn hekk, l-investimenti f'affarjiet materjali fallew milli jirrestawraw id-dinjità, ir-rispett u l-individwalità, li normalment jintilfu waqt il-proċess ta' l-istituzjonalizzazzjoni. Fir-residenza ta' St. Vincent De Paule, l-anzjani jgħixu ħajja passiva, fejn din tkun karatterizzata minn solitudni u malinkonija. Naħdmu biex nittrasformaw din ir-residenza f'komunità ħajja. Servizzi varji, li normalment issibhom f'komunità normali għandhom jiġu introdotti f'din ir-residenza. Għalhekk:

- Naħdmu biex ikun hemm servizz bankarju f'din ir-residenza bil-għan li tingħata għajnuna lill-anzjani li jridu jamministraw flushom kif jixtiequ huma.
- Illum 80% tal-pensjoni tal-anzjani residenti f'St Vincent De Paule tinzamm mill-Gvern. Jiġi kkonsidrat tnaqqis f'din ir-rata u nfittxu metodi kif dan il-persentaġġ jista' jonqos.
- Faċilitajiet ta' l-informatika, bħal *internet cafè* huma essenzjali fil-ħajja tal-lum. Ir-residenti jkunu jistgħu jużaw l-*internet* biex jikkomunikaw mal-qraba u ħbieb tagħhom, u anke għal skop ta' rikreazjoni. Jekk ikun hemm il-bżonn, ikun hemm nies apposta biex jgħinu lill-anzjani f'dan il-qasam.
- Issir iktar manutenzjoni ta` l-ispazji miftuħa fir-residenza St. Vincent de Paule u ssir ħidma bil-għan li tiġi żviluppata żona ta' rikreazzjoni fir-residenza. L-anzjani u l-qraba tagħhom ikollhom iċ-ċans iqattgħu iżjed ħin ta' kwalità flimkien.
- Is-sezzjoni volantarja fi ħdan din ir-residenza tingħata iżjed spazju biex taħdem. Nies li m'għandhomx ħbieb jew familja fuq min jistgħu jiddependu għandhom ikunu identifikati biex tingħata l-ogħla livell ta' attenzjoni minn dawn il-gruppi volontarji.

– Trasport Dirett *(Shuttle Service):* Din ir-residenza qiegħda fuq medda kbira ta' art. Ħafna mill-blokki ta' bini qegħdin 'il bogħod minn xulxin u mill-bini prinċipali. Il-pjani tal-Partit Laburista jinkludu wkoll iżjed żvilupp f'din iż-żona għal skopijiet ta' rikreazzjoni, u l-introduzzjoni ta' numru ta' servizzi kif spjegati qabel. Il-Partit Laburista għalhekk iħoss li hu neċessarju li jistabblixxi transport dirett biex jinkuraġġixxi l-moviment tar-residenti, kif ukoll biex jiżgura li huma jkunu jistgħu jużaw is-servizzi pprovduti lilhom.

8.4. ŻVILUPP TAR-RIZORS UMAN

Insaħħu l-iżvlupp tal-ġerontoloġija b'iżjed taħriġ speċifiku fil-professjoni tal-kura tas-saħħa. B'kolloborazzjoni ma' akkademji lokali u barranin u anki organizzazzjonijiet professjonali, għandu jkun hemm taħriġ għal tobba, infermiera u impjegati oħra fil-kura u l-ħarsien ta' l-anzjani.

Il-Kumitat għall-Edukazzjoni Kontinwa tal-Mediċina f'St. Vincent de Paule għandu jkun iżjed effettiv u għandu jorganizza minn żmien għal żmien programmi għall-persuni kollha involuti fil-kura ta` l-anzjani.

Ir-reklutaġġ ta' nies kwalifikati f'St. Vincent de Paule hu importanti ħafna u għaldaqstant jiġu stabbiliti proċeduri għar-reklutaġġ fil-livelli kollha.

8.5 TIM GĦAT-TITJIB TAL-KWALITÀ

Jitwaqqaf tim magħmul minn rappreżentanti mill-profesjonisti mill-qasam tas-saħħa, amministraturi u residenti nfushom. Dan it-tim jevalwa u jagħti prijorità lill-bżonnijiet fir-residenza St. Vincent De Paule. Jagħti l-opinjoni tiegħu dwar it-tqassim ta' riżorsi u skrutinju tal-forom kollha ta' investimenti u jinkoraġġixxi livelli għolja ta' xogħol fil-qasam kliniku u amministrattiv, kif ukoll servizzi effettivi u effiċjenti.

Nisħqu li l-awditjar u l-moniteraġġ, speċjalment għal servizzi li jiġu minn terzi persuni huma kruċjali biex jiżguraw li r-residenti jgawdu mill-aħjar benefiċċji għall-flus li jintefqu. Is-servizzi kollha, inkuż dawk ta' manutenzjoni, kċina, trasport, kif ukoll il-kura nnifisha, għandhom ikunu ta' livell għoli.

# 9. ID-DIPARTIMENT DWAR IL-KURA TA' L-ANZJANI

Ir-rwol prinċipali ta' dan id-dipartiment hu dak li jikkoordina, jinċentiva u jirregola. Ħafna mill-inzzjattivi fil-pjan jinvolvu l-koordinazzjoni ta' servizzi eżistenti. Din il-koordinazzjoni ser ikollha effett ta' sinerġija fejn ir-riżultat ikun wieħed ta' kura ta' l-anzjani iżjed effettiva. Id-Dipartiment ser ikun qiegħed jara kif jistabbilixxi alleanza u sħubija ma' entitajiet u organizzazzjonijiet fil-komunitajiet

madwar Malta u Għawdex. Dan biex nipprovdu sapport lill-organizzazjonijiet li jixtiequ jaħdmu f'dan is-settur. Jintlaħaq l-għan li d-Dipartiment ikun regolatur billi niżguraw li l-livelli stabbiliti jintlaħqu mis-servizzi pprovduti, u għandhom jigu mmoniterjati u evalwati biex tiġi żgurata kwalità ta' kura tajba.

Naħdmu biex ngħollu u ntejbu l-livell tal-kura ta' l-anzjani. Bil-ħidma ta' dan id-Dipartiment is-sistemi soċjali u tal-kura tas-saħħa għandhom isiru iżjed sensittivi għal bżonnijiet ta' dan is-settur tal-popolazzjoni. Id-direzzjoni olistika fil-kura ta' l-anzjani, hi waħda innovattiva għal Malta u hi kkunsidrata bħala riforma. Partijiet mill-istrateġija ser ikollha bżonn leġiżlazzjoni ġdida. Dan ser ikun l-iżjed neċessarju biex id-Dipartiment jingħata l-awtorità biex jinforza r-regolamenti u jissorvelja l-livell ta' servizz offrut. Il-Partit Laburista fil-gvern jipproċedi b'inizjattivi li m'għandhomx bżonn tibdil fil-liġijiet.

# 10. KONKLUŻJONI

L-istorja dejjem wriet li l-Partit Laburista kien responsabbli għall-iżviluppi kbar li wettaq fir-rigward tal-kura ta' l-anzjani. L-avvanzi prinċipali fil-kura tas-saħħa u sistemi soċjali f'Malta dejjem kienu riżultat ta' gvernijiet Laburisti. Fl-aħħar għoxrin sena, is-sistema soċjali u tal-*welfare* iddeterjorat għal-livelli deplorabbli, fejn l-anzjani m'għadhomx jistgħu jgawdu id-dinjità, r-rispett u l-kumdità li tixirqilhom. Għal darb'oħra l-Partit Laburista qiegħed ipoġġi l-kura tal-anzjani fuq nett tal-prijoritajiet tiegħu. Il-viżjoni tagħna hija ċara u tista' titwettaq. Bl-appoġġ tal-poplu Malti u Għawdxi kollu, kif ukoll bl-għarfien tal-bżonnijiet tas-soċjetà tagħna, il-Partit Laburista ser jiżgura li din il-viżjoni issir realtà fil-ħajja ta` kull anzjan.

www.mlp.org.mt